



---

*Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali*

---

**2015/2128(INI)**

7.1.2016

## **OPINJONI**

tal-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar ir-Rapport Annwali 2014 dwar il-Protezzjoni tal-Interessi Finanzjarji tal-UE – il-ġlieda kontra l-frodi  
(2015/2128(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Mercedes Bresso



## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Kostituzzjonali jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza li l-oġettiv li l-baġit isir aktar kredibbli, preċiż, effettiv, trasparenti, relevanti u konformi mal-prinċipju tal-ġestjoni finanzjarja tajba, bil-għan li tinżamm sħiħa l-fiduċja taċ-ċittadini Ewropej fl-istituzzjonijiet tal-UE u biex dawn l-istess ċittadini jibqgħu jħaddnu l-proġett tal-integrazzjoni Ewropea, għandu jibqa' wieħed mill-oġettivi prinċipali fil-qalba tal-politika tal-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni, li l-Kummissjoni bi qbil mal-Istati Membri hija meħtieġa twestaq skont l-Artikolu 325 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea; jitlob, għal dan l-għan, li jkun hemm aktar trasparenza permezz ta' kooperazzjoni msaħħa bejn l-istituzzjonijiet tal-UE;
2. Jinsab imħasseb ħafna dwar il-validità u l-kwalità tad-data trażmessa mill-Istati Membri dwar l-introjtu nazzjonali gross (ING) tagħhom, l-għadd ta' każijiet miftuħa u magħluqa, kif ukoll in-nuqqas ta' tveġibiet għal kjarifiki mitluba mill-Kummissjoni u l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF);
3. Jinnota, b'mod partikolari, li l-livelli ta' korruzzjoni u frodi li jaffettwaw il-baġit tal-Unjoni huma direttament proporzjonali man-nuqqas ta' trasparenza fil-proċeduri għall-allokkazzjoni, il-ġestjoni u l-infiq tal-fondi tal-UE; jitlob, għalhekk, li jkun hemm komunikazzjoni aħjar bejn l-istituzzjonijiet tal-UE u l-Istati Membri dwar dawn il-proċeduri, li għandhom jinvolvu inqas regoli – iżda li jkunu aktar trasparenti – li permezz tagħhom il-frodi ssir prattikament impossibbli; jitlob, għal dan il-għan, l-aktar tixrid wiesa' possibbli tal-aħjar prattiki;
4. Jilqa' l-adozzjoni mill-Kummissjoni ta' strateġija pluriennali ta' kontra l-frodi li qed tgħin biex jiġu kkoreġuti d-differenzi sinifikanti fil-għadd ta' irregolaritajiet notifikati minn kull Stat Membru;
5. Itenni t-talba tiegħu li l-qrati tal-awdituri rispettivi ta' kull Stat Membru jippubblikaw dikjarazzjonijiet nazzjonali li jagħtu rendikont tal-infiq tal-fondi tal-UE;
6. Jitlob b'mod aktar speċifiku li ssir distinzjoni ċara bejn il-frodi u l-iżbalji, u li tixxerred informazzjoni dwar l-aktar tipi komuni ta' frodi u iżbalji, inklużi eżempji konkreti tat-tnejn, b'tali mod li l-utenti tal-fondi tal-UE u l-awtoritajiet li jiġġestixxuhom ikunu informati aħjar dwar dan, inkluż rigward il-konsegwenzi serji li jistgħu verament iġarrbu; jissottolinja li għandha tingħata aktar attenzjoni wkoll lir-riżultati tal-proġetti ffinanzjati mill-Unjoni – u mhux biss lill-eżattezza tal-kontijiet – u dan abbażi ta' verifiki mwettqa fuq il-post minn persunal indipendenti u kkwalifikat kif suppost li ma jkunx suġġett għal xi kunflitt ta' interessi;
7. Jenfasizza l-importanza li tingħata attenzjoni partikolari lill-frodi u reati kontra l-baġit tal-UE ta' natura transnazzjonali, imwettqa mill-kriminalità organizzata;
8. Jinsab ħerqan, barra minn hekk, li jara kooperazzjoni eqreb bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar il-modi kif jiġu ġestiti l-fondi; jitlob li jingħata taħriġ komprensiv

għall-persunal tal-awtoritajiet involuti fil-ġestjoni tal-fondi, b'mod partikolari l-persunal tas-Servizzi ta' Koordinazzjoni Kontra l-Frodi (AFCOS), sabiex jiżviluppaw l-istrateġji nazzjonali tagħhom stess ta' kontra l-frodi;

9. Jitlob lill-Kummissjoni żżid kapitolu dwar il-prestazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-UE fir-rapport tagħha li jmiss kontra l-korruzzjoni li għandu jiġi ppubblikat fil-bidu tal-2016;
10. Jitlob, għalhekk, li l-Artikolu 325 tat-TFUE jiġi implimentat b'mod trasversali fl-ispettru kollu ta' politiki tal-Unjoni, u jitlob għal azzjoni, mhux biss bħala rispons għall-każijiet ta' frodi, imma wkoll biex jiġu evitati; jitlob li jkun hemm konformità mal-Artikolu 325 tat-TFUE, u b'mod partikolari mal-paragrafu 5 dwar ir-rapporti annwali, li bħalissa qed jiffaċċja dewmien ta' sena; jitlob għal simplifikazzjoni, speċjalment, tal-mod li bih jintużaw is-sussidji tal-UE fil-politika ta' koeżjoni; jitlob li jiġu segwiti l-proċeduri miftiehma u għar-ratifika tal-ftehimiet li ġew konklużi bejn l-Unjoni u pajjiżi jew organizzazzjonijiet terzi rigward il-ġlieda kontra l-frodi fil-livell reġjonali u internazzjonali; jitlob li jsir segwitu għall-pjan ta' azzjoni u r-rakkomandazzjonijiet fir-riżoluzzjoni tal-Parlament tat-23 ta' Ottubru 2013 dwar il-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus: rakkomandazzjonijiet dwar l-azzjoni u l-inizjattivi li għandhom jittieħdu, b'mod partikolari r-rakkomandazzjoni 130 – dwar il-viżibbiltà tal-miżuri meħuda mill-Istati Membri biex jiġġieldu kontra l-frodi u l-kriminalità organizzati – u r-rakkomandazzjoni 131 – dwar pjan ta' azzjoni ġenerali għall-perjodu 2014-2019 biex jiġu eliminati l-kriminalità organizzata, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus – punti i-xxi; jitlob li jsiru disponibbli r-riżultati inizjali tal-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Iffalsifikar tal-Munita; jitlob, barra minn hekk, li tingħata aktar informazzjoni dwar l-istrumenti użati mill-OLAF fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni kif ukoll dwar il-koordinazzjoni tal-proċeduri tal-Istati Membri għall-irkupru ta' flejjes żburżati b'mod frodulenti.
11. Jenfasizza l-importanza tat-twaqqif ta' sistema effettiva u koerenti Ewropea għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE u jitlob li jsir kull sforz biex jiġu żgurati l-adozzjoni rapida tal-pjan għal Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u tad-direttiva dwar il-ġlieda kontra l-frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni permezz tal-liġi kriminali (l-hekk imsejħa Direttiva PIF); jistieden lill-Kunsill jagħti prijorità lil dawn il-fajls kruċjali u jinvolvi u jżomm lill-Parlament infurmat, fuq bażi kontinwa, dwar is-sitwazzjoni l-aktar reċenti fin-negozjati dwar l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew; jinnota li l-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fis-sentenza tagħha fil-Kawża C-105/14 tat-8 ta' Settembru 2015, sabet li kien hemm rabta diretta bejn il-ġbir tal-VAT fl-Istati Membri u l-interessi finanzjarji tal-UE; itenni għalhekk li l-frodi tal-VAT għandhom ikunu regolati mid-Direttiva PIF sabiex Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew futur jingħata s-setgħa li jinvestiga dan ir-reat u jipproċedi kontra dawk suspettati li wettqu xi reat; jemmen li dawn u azzjonijiet oħra jistgħu jikkontribwixxu biex jgħinu ħalli terġa' tinkiseb il-fiduċja pubblika fil-ġestjoni effettiva tal-fondi tal-UE;
12. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tipproduċi rapidament proposta leġiżlattiva dwar il-livell minimu ta' protezzjoni meħtieġa għall-informaturi fl-UE;
13. Tiegħu inkunsiderazzjoni l-komplexità tal-leġiżlazzjoni tal-UE u jitlob għas-simplifikazzjoni tar-regolamenti applikabbli għall-baġit tal-UE, għall-prevenzjoni tal-frodi u/jew l-irregolaritajiet li jaffettwaw il-fondi tal-UE;

14. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex b'mod immedjat tippubblika l-valutazzjoni ta' kull ftehim ma' kumpaniji tat-tabakk, bil-għan li tiġi stabbilita l-effiċjenza tagħhom fil-ġlieda kontra l-frodi u l-attivitajiet ta' falsifikazzjoni, li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-UE, u tivvaluta kemm hu xieraq li dawn it-tipi ta' ftehimiet jiġġeddu.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI  
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

<b>Data tal-adozzjoni</b>	3.12.2015
<b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>	+: 19 -: 0 0: 2
<b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Mercedes Bresso, Elmar Brok, Fabio Massimo Castaldo, Kostas Chrysogonos, Richard Corbett, Pascal Durand, Danuta Maria Hübner, Constance Le Grip, Maite Pagazaurtundúa Ruiz, Paulo Rangel, György Schöpflin, Pedro Silva Pereira, Barbara Spinelli, Claudia Tapardel, Kazimierz Michał Ujazdowski, Rainer Wieland
<b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>	Isabella Adinolfi, Sven Giegold, Charles Goerens, Andrej Plenković, Cristian Dan Preda, Helmut Scholz